MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Gunju 2018**

**Kumpilazzjoni numru 629/2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Emanuel sive Noel Dark**
**(ID: 427775M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Emanuel sive Noel Dark** talli f'dan l-ahhar xhur u qabel is-6 ta' April, 2003 matul il-gurnata gewwa l-Isla, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe` T.V. tal-ghamla Philips u oggetti ohra tal-fidda, li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000 liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli jinsab ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat illi din il-kawza giet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Dicembru 2011;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2017;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat fis-seduta tal-lum jammetti ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti taghtu zmien biex jerga' jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-ammissjoni registrata fis-seduta tal-lum u mid-dokumenti esebiti, il-Qorti qieghda ssib htija fl-imputat.

Ghal fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi din il-kawza ilha pendenti mill-2003 fejn l-imputat deher kwazi ghas-seduti kollha li ghalihom kien notifikat sal-2011 meta l-kawza giet differita *sine die,* u wkoll illi l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat kien ikkopera maghha u li l-oggett tar-ricettazzjoni kien *set* tat-televizjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikolu 49, 50, 279 (a) u 334 tal-Kodici Kriminali, qieghda tiddikjara lill-imputat **Emanuel sive Noel Dark,** hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena (1) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur